



2025/2106

6.11.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 170/2025

tal- 11 ta' Lulju 2025

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2025/2106]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2022/2480 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni dwar standards Ewropej u strumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1338 tat-28 ta' Ġunju 2023 dwar ir-rekwiżiti tas-sigurtà li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għal ċerti prodotti tat-tfal u prodotti relatati skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XIX tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied fil-punt 2 (ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
" , kif emendat bi:

— **32022 R 2480:** Ir-Regolament (UE) 2022/2480 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 1)."
2. Jiddaħħal il-punt li ġej wara l-punt 3vc (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/733):
"3w. **32023 D 1338:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1338 tat-28 ta' Ġunju 2023 dwar ir-rekwiżiti tas-sigurtà li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għal ċerti prodotti tat-tfal u prodotti relatati skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 166, 30.6.2023, p. 162)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2022/2480 u d-Deċiżjoni (UE) 2023/1338 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Lulju 2025, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE ⁽³⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 323, 19.12.2022, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 166, 30.6.2023, p. 162.

⁽³⁾ Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2025.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Kristján Andri STEFÁNSSON
